Il-familji fir-Regjun tal-Mediterran ghandhom dritt jghixu ahjar...Claudette Abela Baldacchino Vici President tal-Kumitat Inter-Regjonali tal-Mediterran f'isem il-Grupp Socjalista fi hdan il-Kumitat tar-Regjuni (KtR)

**Claudette Abela Baldacchino inhatret Vici President tal-Kumitat inter-regjonali tal-Mediterran fi hdan il-Kumitat tar-Regjuni (KtR).**

Fl-ewwel rejazzjoni taghha ma din il-hatra, Claudette Abela Baldacchino membru tal-Kumitat tar-Regjuni tal-UE u membru tal-Grupp Socjalista sostniet li 'Il-Mediterran ghandu jinghata l-attenzjoni li jisthoqqlu fl-ahjar interess tal-familji u haddiema li jghixu f'dan ir-regjun.'

'Biex inkunu b'Sahhitna fl-Ewropa irridu wkoll niftakru li ahna mediterranji' issostni Abela Baldacchino. Fost ix-xoghol u l-hidma li trid issir hemm ukoll dik fuq l-immigrazzjoni llegali qalet Abela Baldacchino.

Kien f'laqgha li saret il-Hamis 12 ta' Frar 2009, li fuq proposta tad-Delegazzjoni Spanjola, d-delegazzjoni Maltija intalbet tinnomina Vici-President fil-Kumitat Inter-Regjonali tal-Mediterran fi hdan il-Kumitat tar-Regjuni ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kap tad-delegazzjoni Maltija innomina lil Claudette Abela Baldacchino biex tassumi r-responsabilita ta' din il-kariga f´dan il-Kumitat. Waqt li kien qed jitkellem fl-ewwel laqgha ta' dan il-Kumitat, il-Kap tad-Delegazzjoni Maltija Michael Cohen qal li dan il-Kumitat ghandu rwol importanti sabiex isegwi il-politika ta' zvilupp sostenibbli u jkun strumentali sabiex jaghti l-kontribut tieghu biex tikber il-koperazzjoni u l-paci fir-Regjun.

Huwa sahaq li hemm xoghol li jista' jsir mill-Kumitat u ghalhekk offra l-ghajnuna tas-Segretarjat tad-delegazzjoni biex jghinu fil-hidma tal-Kumitat Inter-Regjonali dwar il-Mediterran. Ghal din il-laqgha attendew ukoll il-membri fil-Kumitat tar-Regjuni Doris Borg, Frederick Cutajar u Maria Natoli, flimkien mas-Segretarjat Jimmy Magro u Aaron Farrugia.